MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 6/2001/1

**Ranier Felice**

vs

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tal-Appell imressaq minn Ranier Feliċe fil-11 ta' Ġunju, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija qiegħed jikkontesta deċiżjoni (Nru. 117/01) mogħtija fl-10 t'April, 2001, mill-Arbitru maħtur taħt is-setgħat tal-Att X tal-1987, li biha ċaħad l-appell tal-istess rikorrent mid-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali li jwaqqaflu l-ħlas ta' għajnuna soċjali għall-qgħad minħabba li l-istess

Direttur ma kienx soddisfatt li r-rikorrent tassew jgħix fl-indirizz mogħti;

Rat it-Tweġiba mressqa mid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali appellat fl-10 ta' Lulju, 2001, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija tenna li l-appell tar-rikorrent għandu jiġi miċħud;

Rat in-Nota mressqa mill-intimat appellat fl-10 ta' Lulju, 2001[1], li magħha kien hemm mehmuża kopja tal-inkartament tal-proċediment quddiem l-Arbitru fil-każ tal-appellant;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

***Ikkunsidrat:***

Illi d-deċiżjoni appellata tgħid hekk;

"Dan l-appell qed isir mid-decizjoni tad-Direttur fejn cahad it-talba ta' l-appellant ghall-ghajnuna socjali ghad-disimpieg peress li ma kienx sodisfatt li l-appellant joqghod fl-indirizz moghti mill-appellant.

Irrizulta li l-appellant applika ghal dan il-beneficcju fejn informa lid-Direttur li kien joqghod wahdu fil-fond 80, Triq San Gwann, Gharghur. L-ispetturi marru diversi drabbi jhabbtu fdan il-fond izda ma fethilhom hadd. Huma marru fid-9 ta' Novembru 2000 fit-tmienja neqsin kwart ta' filghaxija (7.45pm) u fl-ghaxra u hames minuti ta' filghaxija (10.05pm), fl-10 ta' Novembru 2000 fit-tmienja ta' filghodu (8.00am) u fl-14 ta' Novembru 2000 fis-sitta neqsin kwart ta' filghodu (5.45am).

L-appellant min-naha tieghu iddikjara li huwa jghix fil-fond nru. 80, Triq San Gwann, Gharghru u ilu hemmhekk

[1] Paġġ. 8 sa 25 tal-proċess

joqghod ghal dawn l-ahhar erba' snin, liema post huwa ta' missieru u ma jhallasx kera. L-appellant spjega illi d-dar tikkonsisti f'xi sebat ikmamar u fiha jrabbi anke annimali. *Telephone* fil-post ma hemmx, filwaqt id-dawl inqata' mill-Enemalta xi sena u nofs ilu ghaliex kien hemm kont ta' 'l fuq minn Lm300 li dan ma thallasx. Dan il-post kienu jabitaw fih ommu u missieru flimkien ma' l-appellant u hutu sa erba' snin ilu meta l-genituri tieghu marru jabitaw f'Haz-Zebbug, f'Independence Street, "Casa Felice".

L-appellant pero` ma ta ebda spjegazzjoni kif qatt ma kien id-dar fil-hinijiet li marru l-ispetturi nonostante li huma hinijiet li normalment dak li jkun jinstab id-dar.

L-appellant jallega li ilu joqghod wahdu fdin id-dar ghal dawn l-ahhar erba' snin u ma jaghti l-ebda raguni ghaliex applika ghall-ghajnuna socjali fl-4 ta' Settembru 2000 u mhux qabel. Lanqas jispjega ghliex ilu joqghod f'post minghajr dawl.

L-appellant ipprezenta prospett ta' kontijiet ta' dawl u ilma u minn dawn jirrizulta wkoll li l-kontijiet huma bbazati fuq stima presumibilment ghaliex meta mar il-*meter-reader* ma sab lil hadd.

Il-provi prodotti huma kollha indikattivi li l-fond 80, Triq San Gwann, Gharghur ma hux abitat mill-appellant u konsegwentement l-Arbitru jichad dan l-appell."

Illi l-appellant iħoss ruħu aggravat mill-imsemmija deċiżjoni għal tliet raġunijiet: fl-ewwel lok, jibqa' jisħaq li huwa joqgħod tassew fl-indirizz imsemmi; fit-tieni lok, għaliex il-fatt li f'post m'hemmx dawl u ilma ma jirrendix dak il-post bħala mhux abitabbli; u, fit-tielet lok, għaliex jgħid li, ladarba d-Direttur intimat qatagħha li l-post mhux abitat mir-rikorrenti, l-istess intimat imissu jindika fejn tassew qiegħed jgħix ir-rikorrent;

Illi, min-naħa tiegħu, d-Direttur appellat iwieġeb għall-aggravji tal-appellant billi jgħid li l-appell ma jqanqal l-ebda punt ta' dritt jew prinċipju ta' siwi għaliex il-kostatazzjonijiet magħmulin minnu u konfermati mill-

Arbitru huma dwar stat ta' fatt. Iżid jgħid li l-appell mhux imsejjes, la fattwalment u lanqas fid-dritt, minbarra li jmieri lilu nnifsu. Huwa għamel il-verifiki tiegħu u rriżultalu li l-appellant ma jgħixx fl-indirizz mogħti,u m'għandux obbligu li jgħid fejn l-appellant qiegħed tassew jgħix;

Illi l-fatti ewlenin li joħorġu mill-atti proċesswali juru li l-appellant, li llum għandu qrib ħamsa u għoxrin (25) sena, kien ressaq applikazzjoni fl-4 ta' Settembru, 2000[2], lid-Dipartiment biex jingħata l-Għajnuna għall-Qgħad. Huwa qal li kien jgħix fil-post numru tmenin (80), Triq San Ġwann, Ħal Għargħur. F'medda ta'ħamest ijiem bejn id-9 ta' Novembru, 2000, u l-14 ta' Novembru, 2000, tliet (3) ispetturi tad-Dipartiment – Ian Napier, Joseph Chircop u George Caruana – marru fl-imsemmi indirizz erba' (4) darbiet f'ħinijiet differenti u qatt ma sabu lill-appellant hemm[3]. Fl-24 ta' Novembru, 2000[4], id-Direttur għarraf lill-appellant li ma kienx laqagħlu t-talba tiegħu għaliex "*mhux sodisfatt li tgħix fl-indirizz mgħoti minnek*". L-appellant appella minn dik id-deċiżjoni fl-1 ta' Diċembru, 2000[5], għal quddiem l-Arbitru. Matul is-smigħ tal-każ, ħareġ li fil-post imsemmi sa xi erba' (4) snin qabel, kienu jgħixu l-appellant u l-familja tiegħu, li marret toqgħod f'Ħaż-Żebbuġ. Ħareġ ukoll, minn dikjarazzjonijiet magħmulin mill-appellant, li l-provvista tad-dawl għall-post kienet ilha xi żmien maqtugħa minħabba kontijiet mhux imħallsin[6]. Fl-10 t'April, 2001, l-Arbitru ta' d-deċiżjoni tiegħu li ikkonfermat id-deċiżjoni tad-Direttur;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar dan il-każ iridu jibdew minn dak li l-intimat isemmi fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu. Qegħda ssir riferenza għall-ilment tal-appellat li l-appell ma jqanqal l-ebda punt ta' dritt jew prinċipju ta' siwi. Dwar dan, il-Qorti tirrileva biss li l-artikolu 109 tal-Kap 318 ma jindikax bħala rekwiżit f'appell minn deċiżjoni tal-Arbitru li l-aggravju jrid ikun jirrigwarda punt ta' dritt jew prinċipju ta' siwi: tali kwalifika tinsab band'oħra fil-liġi[7], fil-każ ta' appelli lill-Arbitru. Minbarra dan, jidher li din il-

[2] Paġ. 17 tal-proċess
[3] Paġġ. 18-9 tal-proċess
[4] Paġ. 20 tal-proċess
[5] Paġ. 24 tal-proċess
[6] Paġġ. 12 u 16 tal-proċess
[7] Art 108(1) tal-Kap 318

kwestjoni diġa' ġiet studjata u deliberata minn din il-Qorti[8] (diversament presjeduta) b'mod akkurat u maġistrali, u din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tagħmel iżjed milli tapplika f'dan il-każ dak li hemmhekk ġie deċiż. L-ewwel eċċezzjoni m'hijiex, għalhekk, tiġi milqugħa;

Illi l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti sejrin isegwu l-aggravji mqanqlin mill-appellant fl-ordni mogħtija fir-Rikors tiegħu. Fl-ewwel lok, għalhekk, il-Qorti qegħda tqis l-ilment li l-appellant tassew jgħix fil-post mogħti minnu lid-Dipartiment bħala l-post tal-abitazzjoni tiegħu. Huwa jtenni li, minbarra d-dikjarazzjoni li għamel quddiem l-Arbitru, hemm il-fattur li l-Karta tal-Identita' tiegħu turi li huwa jgħix fil-post minnu indikat. Huwa prinċipju llum aċċettat[9] li, bħala regola, fi kwestjonijiet ta' apprezzament ta' provi jew fatti sottomessi, Qorti ta' reviżjoni ma twarrabx bla bżonn id-diskrezzjoni tal-ewwel ġudikant dwar dawk il-provi, u dan sakemm ma jkunx jidher fil-fehma tal-Qorti ta' reviżjoni li tali apprezzament ikun sejjer iġib inġustizzja fid-dieher lill-parti jew jekk id-diskrezzjoni tal-ewwel ġudikant tkun intużat ħażin[10]. Dan il-prinċipju jgħodd ukoll fejn l-apprezzament tal-provi jsir minn tribunal jew korp li huwa fdat b'liġi li jaġġudika[11];

Illi huwa stabilit ukoll li għal dak li jirrigwarda kwestjoni ta' kemm provi għandhom jitwemmnu u dwar l-apprezzament tagħhom, il-kriterju distintiv m'huwiex dak jekk minn kellu jiġġudika emminx it-tifsira mogħtija, imma jekk tali tifsira hijiex possibbli jew plawsibbli[12];

Illi mill-kostastazzjonijiet magħmulin mill-Arbitru fuq il-fatti li kienu irriżultawlu sal-waqt tad-deċiżjoni tiegħu, din il-Qorti tasal għall-fehma li ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex l-Arbitru jiddeċiedi mod ieħor. Jista' jingħad li dan jgħodd ukoll għad-deċiżjoni tad-Direttur intimat. L-eliġibilita' ta' persuna għall-Għajnuna għall-Qgħad hija mfissra fl-artikolu 30 tal-Att. Fost il-ħtiġiet li persuna li tapplika għal għajnuna bħal din tri turi, wieħed isib dak tal-

[8] Ara App. **16.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Rota vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali***
[9] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **10.2.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Magri et vs Borġ*** (Kollez. Vol: **XLV.i.47**)
[10] App. Ċiv. **6.10.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Emily Stivala et vs George Paċe*** (mhix pubblikata)
[11] App Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manche' noe vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**)
[12] App. Inf. **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur tas-Sigurta' Soċjali vs Shannon Cauchi***

post tal-abitazzjoni regolari tagħha u dak li hija trid tkun "kap tal-familja" kif mifhuma mil-liġi. Dwar x'jikkostitwixxi "residenza" għall-finijiet tal-Att, il-Qorti tinnota li huwa stabilit li dan ifisser li persuna tgħix b'ċerta grad ta' kontinwita', għajr għal assenzi aċċidentali jew għal żmien limitat, f'post fejn normalment bniedem jorganiżża ħajtu[13];

Illi l-fatt li persuna jkollha indirizz fil-Karta tal-Identita' tagħha, tali fatt waħdu, ma jħollx u jorbot il-kwestjoni ta' fejn dik il-persuna tkun fil-fatt tgħammar: dan huwa biss wieħed minn għadd ta' ċirkostanzi li jsawru stampa iżjed wiesgħa. Min-naħa l-oħra, jekk wieħed iqis xi fatti oħrajn li irriżultaw, wieħed ma jdumx ma jasal għall-fehma li ċ-ċirkostanza tal-Karta tal-Identita' hija għal kollox aċċidentali u ta' rilevanza ċkejkna. Il-Qorti tagħmel riferenza għall-fatt li (a) fil-post indikat mill-appellant jitrabbew il-bhejjem, (b) li ż-żjajjar imwettqin mill-ispetturi seħħew f'ħinijiet u bi frekwenza li jagħmilha kważi impossibbli li l-appellant ma nstabx imqar darba f'dak l-indirizz, (ċ) mal-bieb ta' barra tal-post kien hemm bħal siġill li ma jinstab fl-ebda post li minnu wieħed jidħol u joħroġ regolarment; (d) li l-post mhux provdut b'servizz bażiku bħas-servizz ta' dawl; u (e) li din is-sitwazzjoni l-appellant jistqarr li kien ilha (u dan fl-2000) diġa' hekk għal żmien mhux traskurabbli;

Illi dawn il-kostatazzjonijiet jintrabtu mat-tieni aggravju tal-appellant. Kulma tista' żżid il-Qorti huwa li dak li jirrendi post bħala wieħed abitabbli normalment jintrabat ma'l-eżistenza ta' dak li huwa essenzjalment meħtieġ biex wieħed jgħix b'dinjita'. Din il-Qorti tqis li, fiż-żminijiet tal-lum, u b'mod partikolari f'każ ta' persuni ta' ċerta eta' mhix kbira, in-nuqqas ta' kumditajiet bażiċi f'post żgur ma jitqiesx bħala fattur li jħajjar lil min jgħix f'post bħal dak. In-nuqqas ta' provvista ta' servizz bħad-dawl u l-ilma jitqies minn din il-Qorti li jwaqqa' post għal livell ta' *sub-standard housing*. B'żieda ma'dan, l-appellant donnu naqas li jżomm quddiem għajnejh li ċ-ċaħda tat-talba tiegħu għall-għoti ta' Għajnuna għall-Qgħad ma kinitx għaliex l-indirizz li ta kien dwar post inabitabbli, imma

[13] App. Inf. **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur tas-Sigurta' Soċjali vs Michael Ellul***

għaliex hu nstab li ma kienx jgħix f'dak l-indirizz. Jiġifieri, sata' kien post mgħammar għal kollox u bil-kumditajiet oħrajn, u xorta waħda t-talba tiegħu ma kinitx tintlaqa. Il-kostatazzjonijiet magħmulin mill-ispetturi tad-Dipartiment ma kinux limitati biss għal-livell ta' kwalita' tal-bini, imma wkoll għall-użu li kien (jew ma kienx) isir minnu mill-appellant;

Illi t-tielet aggravju tal-appellant għandu l-għamla ta' sejħa biex l-intimat appellat jipprova fejn, skond hu, hija d-dar residenzjali tal-appellant. Dan l-aggravju m'huwiex mistħoqq. Huwa minnu li ladarba d-Direttur appellat qatagħha li l-appellant ma kienx joqgħod fl-indirizz minnu mogħti, ried ikollu tagħrif u provi biżżejjed biex jista' jitqies li wasal għall-fehma tiegħu raġonevolment u fuq il-konvinċiment morali tiegħu[14]. Dak l-apprezzament kien, imbagħad, imqiegħed għall-iskrutinju u taħt l-għarbiel tal-Arbitru li kellu l-opportunita' li jifli l-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet[15]. Il-każ kellu jiġi deċiż *iuxta allegata et probata*[16]. Il-Qorti ssib li l-konklużjoni li wasal għaliha l-Arbitru fid-dċiżjoni appellata kienet dik loġikament mistennija fid-dawl tal-provi u l-istqarrijiet li kellu[17]. Ma huwiex mistenni li, mwettaq dan l-obbligu, l-Arbitru messu talab lid-Direttur appellat li jġib il-prova ta' fejn, fil-fatt, joqgħod l-applikant. Għall-kuntrarju, fuq l-iskorta tal-prinċipju li min jallega jrid jipprova, kien jaqa' fuq l-appellant li jagħti tifsira kredibbli kif l-indirizz mogħti minnu kien tassew ir-residenza ordinarja tiegħu fid-dawl ta' dak li nġieb bħala kostatazzjonijiet fattwali li jissemmew iżjed 'il fuq. L-appellant dan naqas għal kollox li jagħmlu u ma ta lill-Qorti l-ebda raġuni għaliex għandha taqleb id-diskrezzjoni u l-konklużjoni li wasal għaliha l-Arbitru fid-deċiżjoni appellata;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq minn Ranier Feliċe bħala mhux mistħoqq fid-dritt u l-fatt u tikkonferma d-deċiżjoni appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

---

[14] App. Ċiv. **5.3.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Vassallo vs Carmelo Paċe***
[15] App. Ċiv. **27.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***George Żammit vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali***
[16] App. Inf. **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Spiteri vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali***
[17] App. Inf. **12.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Cachia vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali***

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------